# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

**ONOR. IMĦALLEF**
**IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.**

**Illum, it-Tnejn, 22 ta' April, 2024.**

**Kawża Nru. 2**
**Rik. Nru. 41/2023/1 ISB**

**Riċevitur Uffiċjali**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti **Dr Ingrid Fenech fil-kapacità tagħha ta' Riċevitur Uffiċjali**, intavolat fil-21 ta' Ġunju 2023, li permezz tiegħu huma talbu lill-Qorti sabiex:-

> *dina l-Onorabbli Qorti tordna lir-Reġistratur tal-kumpaniji sabiex tieħu kull provvediment skond il-liġi biex l-isem tal-kumpanija Cassar Bros Giftware Limited (C 18341) jerġa' jitpoġġa fuq ir-reġistru b'effett immedjat sabiex l-assi tal-*

*kumpanija jkunu jistgħu jiġu disposti fl-aħjar interess tal-istess kumpanija u tal-azzjonisti tagħha.*

U dan wara li ppremettew:

*Illi dan il-preżenti rikors huwa in sostituzzjoni tal-atti inizjati permezz tar-rikors numru 41/2023 fl-ismijiet Reġistratur tal-Kumpaniji vs X li kopja tiegħu qed tiġi annessa bħala Dok A;*

*Illi qed issir referenza għad-digriet tat-3 ta' Jannar 2023 ta' dina l-Onorabbli Qorti illi qieghed jiġi anness bħala Dok B fejn ġie deċiż illi r-Riċevitur Uffiċjali tista' tistitwixxi l-proċeduri appożiti u kull proċedura anċillari u neċessarja għall-istess biex isem il-kumpanija jerġa' jitpoġġa fir-Reġistru tal-kumpaniji;*

Rat id-dokumenti annessi.

Rat **id-digriet** tagħha tal-21 ta' Lulju 2023 minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2022.

Rat in-nota tar-Riċevitur Uffiċjali tal-5 ta' Settembru 2023.

Rat illi fis-7 Settembru 2023, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ppreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 24) li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi qed issir referenza għall-kumpanija Cassar Bros Giftware Limited (C 18341), illi l-isem tagħha ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji minħabba inadempjenzi relatati mal-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi ta' min jispeċifika illi l-aħħar prospett annwali sottomess mar-Reġistratur kien dak relatat mas-sena 2010 filwaqt illi l-aħħar kont*

*annwali kien dak relatat mas-sena 2006. Illi barra minn hekk, ġew injorati wkoll il-penali maħruġa minħabba illi l-kumpanija naqset milli tissottometti l-kontijiet annwali relatati mas-snin 2007 u 2008 u dawn jammontaw għal EUR 548.50;*

*Illi meta r-Reġistratur tal-Kumpaniji ("Reġistratur") ħareġ l-ittri fl-indirizz tal-kumpanija u il-pubblikazzjonijiet fil-gazzetta lokali li juru li malli jgħaddu t-tliet xhur preskritti mil-liġi, l-kumpanija se tiġi mħassra minn fuq ir-Reġistru (anness u mmarkat bħala Dok. 'A'), ir-Reġistratur ma rċeviet l-ebda oġġezzjoni f'dan ir-rigward la minn terzi persuni u wisq anqas mill-kumpanija u l-uffiċjali tagħha;*

*Illi sussegwentement irriżulta illi kien hemm proċeduri ta' stralċ illi kienu għadhom pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta Rikors Numru 966/2010 JVC fl-ismijiet: James Cassar et vs. Cassar Bros Giftware Limited (C 18341). Illi permezz tal-provediment mogħti nhar is-16 ta' Diċembru 2021, l-Onorabbli Qorti ddikjarat il-kumpanija Cassar Bros. Giftware Limited xolta b'effett immedjat, u ħatret lir- Riċevitur Uffiċjali bħala stralċarju tagħha;*

*Illi għalhekk, ir-Riċevitur Uffiċjali preċedenti kien informa lill-Qorti illi jirriżulta li s-socjeta' nvoluta jista' jkun għad għandha xi assi u għalhekk il-Qorti diversament presjeduta awtorizzat lir-Ricevitur*

*Uffiċjali permezz tad-digriet tat-3 ta' Jannar 2023, sabiex jieħu l-passi neċessarji skont il-ligi biex isem is-socjeta' jerga' jitpoġġa fir-Registru tal-Kumpaniji;*

*Illi għal dan il-għan, ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tagħha sabiex l-affarijiet ma jitwalux bla bżonn;*

*Illi għaldaqstant hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ;*

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Jannar 2024, fejn il-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-pendenzi li għandha l-kumpanija Cassar Bros Giftware Limited mal-MBR ser jitqiegħdu fuq il-lista tal-kredituri fil-kors tal-istralċ tal-istess kumpanija u għalhekk, id-difensuri talbu lill-Qorti sabiex tgħaddi għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent *ai termini* tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**. Ir-rikorrenti tgħid illi l-kumpanija Cassar Bros Giftware Limited ġiet xjolta permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Diċembru 2021 u b'effett minn dakinhar stess, ir-Riċevitur Uffiċjali nħatret bħala stralċjarja tal-imsemmija kumpanija. Jirriżulta illi fit-30 ta' Ġunju, 2020, ir-Reġistratur tal-Kumpaniji neħħa isem il-kumpanija minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji *ai termini* tal-Artiklu 325 tal-Att Dwar il-Kumpaniji, minħabba li din il-kumpanija kienet ilha ma topera.

Jirriżulta illi r-Riċevitur Uffiċjali trid tiddisponi minn xi assi tal-kumpanija fil-kors tal-istralċ u kien għalhekk għaqli illi l-kumpannija titpoġġa lura fuq ir-Reġistru sabiex jitkompla l-istralċ.

Illi, f'dan il-kuntest, ir-rikorrenti tiddikjara illi għandha kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur, li tibgħat kontijiet u prospetti annwali u kienet imxiet mal-liġi sabiex waslet biex neħħiet isem il-kumpanija minn fuq ir-Reġistru.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta:**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u <u>l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa</u> biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

Il-Qorti tibda' biex tqis illi din il-kumpannija **Cassar Bros Giftware Limited (C 18341)** qatt ma jmessa' tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-kumpanija għar-raġunijiet li għalihom tneħħiet, ġja la darba kienet tinsab fi stat ta' stralċ. Tqis però illi huwa neċessarju illi l-kumpanija titpoġġa lura u tqis ukoll illi r-Riċevitur Uffiċjali għandha l-interess opportun illi tistitwixxi dawn il-proċeduri.

Il-Qorti qieset ukoll illi l-pendenzi illi għandha l-kumpanija mal-MBR ser jkunu wkoll mqegħda fuq il-lista tal-kredituri illi għad trid tħejji b'mod finali ir-Riċevitur Uffiċjali.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex, *ai termini* tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax-il jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Cassar Bros Giftware Limited (C 18341)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa *ai termini* tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **Cassar Bros Giftware Limited (C 18341)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji.

4. **Fir-raba' lok**, tordna illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **Cassar Bros Giftware Limited (C 18341)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji jkunu a karigu tar-Registratur intimat.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**